# Il-Kitba Argumentattiva



**Sa A. Schembri – Sa C. Zerafa**
**Skola St Joseph, Tas-Sliema**

# X’inhi l-kitba argumentattiva?

- Din ix-xejra ta’ kitba ġġiegħlek taħseb sewwa fuq suġġett, tiġbor informazzjoni dwaru, tevalwa l-evidenza u  tifforma l-fehma jew l-opinjoni tiegħek.

- Is-suġġett irid ikun kontroversjali, fis-sens li fost il-pubbliku hemm opinjonijiet differenti u nuqqas ta’ qbil.



# Argument

**Forsi tista’ tara l-kitba argumentattiva bħala taħdita jew dibattitu ma’ sħabek tal-klassi.**





# Riċerka u Opinjoni

Il-kitba argumentattiva titlob li tagħmel riċerka fuq dak li diġà ntqal jew inkiteb fuq is-suġġett. Bl-informazzjoni li ssir taf se tifhem l-opinjonijiet differenti dwaru. Madankollu sal-aħħar tal-kitba trid tagħti l-opinjoni tiegħek ibbażata fuq raġunament tajjeb.

# Waqt l-eżami ...




**Ir-riċerka tgħodd għal meta din il-kitba tingħata bħala taħriġ għad-dar.**

**Fl-eżami agħżel it-titlu argumentattiv jekk għandek għarfien tajjeb u taf bl-opinjonijiet differenti dwar is-suġġett.**



- Meta tkun qed tippjana agħmel lista jew għanqbuta ta' punti għaż-żewġ naħat tal-argument u mbagħad agħżel liema naħa turi l-opinjoni tiegħek.

- Fil-kitba trid turi ż-żewġ naħat biex imbagħad fl-argument tiegħek tikkonkludi li l-opinjoni tiegħek, għalik, hija l-aħjar waħda.

- Ikkonsidra argumenti tajbin anke għall-opinjonijiet li ma taqbilx magħhom biex imbagħad tkun tista' tirribattihom xorta waħda.

# Eżempju: Il-kompjuter ngħaddu mingħajru?

## Ma nistgħux ngħaddu mingħajru

- Ħafna nies jużaw il-kompjuter biex jaħdmu, kif jistgħu jgħaddu mingħajru?
- Kif se tinżamm l-informazzjoni utli f'kull qasam tal-ħajja bħal ħanut, sptar, librerija, skola, ajruport, uffiċċju?
- Mingħajr kompjuter ara kemm naħlu ħin biex noqogħdu niktbu kollox jew infittxu xi informazzjoni.
- Irridu noħorġu bilfors mid-dar biex inħallsu kontijiet, immorru l-librerija nirriċerkaw, jew anke fil-ħwienet biex nixtru.
- Mingħajru kompjuter ara kemm indumu biex nikkomunikaw.
- Mingħajru l-ħajja tkun diffiċli.
- Kif jista' jkollna ħajja bla kompjuter?
- It-teknoloġija saret parti minn ħajjitna. Ma nistgħux immorru lura minflok 'il quddiem.
- Illum il-ġurnata kif tista' ma tkunx taf tuża l-kompjuter?

## Nistgħu ngħaddu mingħajru

- Il-kompjuter ħela ta' ħin!
- Ladarba għal eluf ta' snin għexna mingħajr kompjuter, għaliex issa le?
- Kieku għall-ewwel mingħajr kompjuter inħossuha iebsa imma mbagħad nidraw, il-ħajja tibqa' għaddejja.
- Nistgħu nikkomunikaw mod ieħor, bit-telefown kif konna nagħmlu qabel jew wiċċ imb wiċċ, tant l-aħjar għax nibnu relazzjonijiet aktar sodi.
- Il-kompjuter qed jgħaġġel ir-ritmu tal-ħajja u jżidilna l-istress, x'nambuh?!
- Il-korrispondenza mgħaġġla bil-kompjuter saret tqiegħed iżjed xogħol fuq spallejna.
- Kieku mingħajr kompjuter noħorġu iżjed u ngawdu iżjed lil xuxin.

# Imma int x'taħseb?
# Nistgħu ngħaddu bla kompjuter?

Fl-aħħar trid tagħti l-opinjoni tiegħek – iva jew le - u trid tagħti r-raġuni tiegħek ibbażata fuq ħsieb matur, loġiku u konvinċenti.



# L-istruttura

**Fl-ewwel paragrafu** trid tikteb b'mod ġenerali fuq is-suġġett. F'dan il-paragrafu trid turi r-rilevanza ta' dan is-suġġett u għaliex huwa importanti li l-qarrej jaqra dwaru. Dan jista' jieħu forma ta' mistoqsija jew osservazzjoni, basta tolqot l-interess tal-qarrej.

Kitba tajba hija kkaratterizzata minn tranżizzjoni tajba bejn paragrafu u ieħor. Irid ikun hemm żvilupp tajjeb tal-ħsieb biex b'hekk il-qarrej ikun jista' jsegwi l-argument tal-kitba sħiħa.



Il-punt diskuss f'paragrafu jrid iwassal għall-punt diskuss fil-paragrafu ta' wara. Jiġifieri l-punti jridu jkunu jsegwu.

# Paragrafu wieħed – idea waħda

- **Kull paragrafu jrid ikollu idea ġenerali waħda. Dan iħalli spazju għal ċarezza tul l-esej kollu. Imbagħad trid tiftaħ u tagħti eżempji li jmorru mal-idea.**

- **Ma tridx toqgħod iddur mal-lewża. Kun preċiż u konċiż biex hekk il-qarrej ikun jista' jifhem bla diffikultà.**

- **Importanti li kull paragrafu tal-kontenut (dak li s-soltu nsejħu *body*) irid ikollu xi rabta mad-dikjarazzjoni li saret fil-paragrafu introduttorju.**

Fil-kitba argumentattiva trid turi firxa ta' opinjonijiet differenti fuq is-suġġett. Tista' tiddedika żewġ paragrafi tiddiskuti żewġ opinjonijiet li jmorru kontra xulxin.



# Opinjonijiet Differenti

# Il-konklużjoni

- **Trid tkun effettiva u tagħmel sens. Tintroduċix informazzjoni ġdida fil-konklużjoni, anzi ikteb fil-qosor.**

- **Fil-konklużjoni trid turi li wara l-opinjonijiet differenti li ppreżentajt issa għandek għarfien iżjed profond u idea aktar ċara tas-suġġett, jiġifieri għandek l-opinjoni tiegħek.**

| Struttura | | Paragrafi |
| --- | --- | --- |
| Introduzzjoni | P. 1 | Ikteb b'mod ġenerali dwar is-suġġett |
| Kontenut (*body*) | P. 2 | Semmi l-punt favur u ikteb għaliex – agħti dettalji |
| | P. 3 | Semmi l-punt kontra u ikteb għaliex – agħti dettalji |
| | P. 4 | Uri x'taħseb int |
| Konklużjoni | P. 5 | Ibbaża l-ħsieb finali tiegħek fuq dak li ppreżentajt qabel. Tista' toffri xi ħsieb ieħor li jħalli lill-qarrej jaħseb u jistaqsi dwar is-suġġett. |



# Vokabularju

**Il-vokabularju użat irid jgħin lill-qarrej biex isegwi faċilment l-argumenti ppreżentati.**

- **Dawk li ma jaqblux isostnu li ...**
- **Xi wħud ma jaqblux ma’ din l-idea ....**
- **Dawk li huma kontra din l-idea jgħidu ...**
- **Huma jaħsbu ... għaliex ...**
- **Madankollu ...**
- **Min-naħa l-oħra ...**
- **Imma ...**
- **Minkejja dan ...**
- **Għaldaqstant ...**
- **Għandhom punt jaħsbu b’dan il-mod ...**
- **Il-fehma ta’ ħafna hija ....**





# Xogħol irfinut

Aħseb;

Ippjana u qassam  il-ħsibijiet;

Ikteb;

Erġa' aqra x-xogħol u rranġa dak li hemm bżonn;

Aqraha lil xi ħadd;

Tibżax turi l-opinjoni tiegħek basta hija bbażata fuq prinċipji u valuri sodi.